MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Numru 765/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Cassar**

**Vs**

**Charles Delia u Samuel Delia**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmelo Delia ta’ 46 sena, iben Carmelo u Maria nee’ Scerri, imwieled Haz-Zabbar, fl-4 ta’ Mejju, 1954, u joqghod fl-indirizz ‘Lia Luna’, 116, Carmel Street, Zabbar, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ numru 336758 (M) u Samuel Delia ta’ 18-il sena, iben Carmelo u Josephine nee’ Scicluna, imwieled Haz-Zabbar, fit-2 ta’ Dicembru, 1985, u joqghod fl-indirizz ‘Lia Luna’, 116, Carmel Street, Zabbar, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ numru 578985 (M);

Talli fi Sqaq il-Qaccawiet, u fi bnadi ohra fix-Xghajra, limiti ta’ Haz-Zabbar, nhar is-Sibt, 11 ta’ Settembru, 2004, ghall-habta ta’ xi d-disgha u nofs ta’ fil-ghaxija minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja tas-Sindku tax-Xghajra, u cioe’ is-Sur Anhony R Valvo u l-mara tieghu Maria Stella Valvo, it-tnejn mix-Xghajra, f’perikolu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha taghhom, liema offizi kienu ta’ natura hafifa u dan skond ma ccertifika Dr Joseph Cassar Delia MD, ta’ Haz-Zabbar.

Talli ingurjaw, heddu u ghamlu offizi fuq il-persuna ta’ l-imsemmi Sindku Anthony R Valvo li huwa nkarigat skond il-Ligi minn servizz publliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzghuh jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Talli attakkaw u ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-istess Sindku is-Sur Anthony Valvo, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ Ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti.

Talli bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor.

Talli grew bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez’ b’perikolu li jahbtu ma’ xi hadd u jweggguh.

Talli hebbew kontra s-Sur Anthony R Valvo u s-sinjura tieghu Maria Stella Valvo, sabiex jingurhawhom, idejquhom u jaghmlulhom hsara.

Talli imbottaw lis-Sinjura Maria Stella Valvo u waqqughha ma’ l-art fit-triq biex iwegghuha u jinsultawha.

U aktar talli qalu kliem jew espressjonijiet ta’ dagha.

U aktar talli Charles Delia ma halliex u fixkel lill-*wardens* W 137 Kevin Azzopardi u W 224 Joseph Gauci Borda

waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma hallihomx jaghmlu dak li b'Ligi kienu ordnati li jaghmlu.

Wara li rat il-verbali taghha tat-30 ta' Settembru, 2004, u tas-seduta tal-lum.

Wara li rat l-ammissjoni tal-istess imputati, fis-seduta tat-30 ta' Settembru, 2004, qabel ma bdew jinstemghu il-provi tal-Prosekuzzjoni.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat ir-rapport redatt mill-ufficjal tal-*Probation* Mary Grace Vella, ipprezentat fis-16 ta' Dicembru, 2004.

Rat l-Artikoli 221 u 222, 338 u 339 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motiv, il-Qorti, fuq ammissjoni, issib lill-istess imputati, hatja tal-akkuzi kif dedotti u tordna li fil-konfront tal-imputat Charles Delia, jigi illiberat minn kull piena, bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum, taht l-Artikolu 22, tal-Kap 446, tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-konfront tal-imputat Samuel Delia, li jitqieghed taht Ordni ta' Probation, ghal perjodu ta' sena, taht l-Artikolu 7, tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill-imputati ihallsu is-somma ta' mija, sebgha u tmenin lira maltin (Lm187) bhala danni lill-parti civili indikati fl-akkuza.

Tordna kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-*Probation*, sabiex jinhatar ufficjal *ai termini* tal-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------